Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2024
(OR. en)

PUBLIC

15916/1/24
REV 1

LIMITE

COPEN 499
DROIPEN 242
MIGR 422
COSI 212
COMIX 466
JAI 1703
CODEC 2175

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0439(COD)**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | ST 15915/24 + ADD 1 |
| Nru dok. Cion: | ST 16149/23 + COR 1 + COR 2 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI<br>- Approċċ ġenerali |

**Introduzzjoni**

Fit-28 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI (ST 16149/23 + COR 1 + COR 2).

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 83(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN) eżamina l-proposta taħt il-Presidenza Spanjola, Belġjana u Ungeriża. It-test kif jirriżulta minn dawn l-eżaminazzjonijiet jinsab fl-Anness.

Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) għandu r-responsabbiltà ewlenija. Is-Sa Birgit Sippel inħatret rapporteur. Għadu ma tressaq l-ebda rapport.

Fis-27 ta' Novembru 2024, il-Kumitat Imħallat u l-Coreper iddiskutew il-kwistjonijiet ewlenin imniżżla hawn taħt. Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet indikaw li setgħu jappoġġaw is-soluzzjoni li nstabet għal dawn il-kwistjonijiet, u li hija mniżżla fl-Anness.

Fit-28 ta' Novembru 2024, il-Kunsillieri ĠAI rfinaw it-testi tal-Artikolu 11(3) u (4), u tal-premessa 16 korrispondenti: il-bidliet li saru ġew immarkati fl-Anness.

**Kwistjonijiet ewlenin**

1) Klawżola umanitarja (il-Premessa 7 flimkien mal-Artikolu 3)

Il-kwistjoni tal-klawżola umanitarja tirreferi għall-idea li ċerta assistenza lil nazzjonali ta' pajjiżi terzi biex jidħlu, jgħaddu jew joqogħdu fl-Unjoni Ewropea – b'mod partikolari assistenza lil membri tal-familja qrib tagħhom jew appoġġ biex jiġu provduti bżonnijiet umani bażiċi – ma għandhiex tikkwalifika bħala r-reat kriminali tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

Fil-proposta tagħha għal Direttiva, il-Kummissjoni kienet ipproponiet li tiddaħħal il-klawżola fi premessa, biex l-Istati Membri jingħataw l-għażla ta' kif jittrattawha. Madankollu, matul l-eżami fil-Grupp ta' Ħidma, xi Stati Membri ssuġġerew li l-klawżola titmexxa għall-parti operattiva.

Minbarra l-mistoqsija dwar jekk il-kwistjoni tal-klawżola umanitarja għandhiex tiġi ttrattata fil-premessi jew fil-parti operattiva, il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet kienu differenti anke dwar il-formulazzjoni preċiża tal-klawżola.

Wara kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-argumenti ppreżentati tul is-sena ta' negozjati, u b'kunsiderazzjoni tad-diskussjonijiet waqt laqgħat reċenti, jidher xieraq li l-kwistjoni tal-klawżola umanitarja tiġi indirizzata permezz ta' premessa, ara l-premessa 7 (fil-paġna 8).

Dan it-test għandu jinqara fid-dawl tal-premessa 6a, li tissottolinja li din id-Direttiva hija strument ta' armonizzazzjoni minima: l-Istati Membri huma liberi li jadottaw jew iżommu leġiżlazzjoni li tipprevedi inkriminazzjoni usa' minn dik stipulata f'din id-Direttiva.

2) Penali għal persuni ġuridiċi (l-Artikolu 8, il-paragrafu 3)

Wara talba minn xi delegazzjonijiet, iddaħħlet premessa 13aa fit-test, u ġie miżjud paragrafu 5 mal-Artikolu 8. It-testi l-ġodda jindirizzaw is-sitwazzjoni partikolari ta' Stati li għalihom ma japplikawx strumenti oħra tad-dritt kriminali tal-UE, u li, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, ma jiddeterminawx l-ammont ta' multi kriminali jew nonkriminali għal persuni ġuridiċi fi proporzjon mal-gravità tar-reat imwettaq minn persuna fiżika, iżda japplikaw kriterji oħra, inkluż kriterju bbażat fuq in-nuqqas ta' strutturi u salvagwardji organizzazzjonali jew nuqqasijiet oħra fl-organizzazzjoni tal-persuna ġuridika.

**Konklużjoni**

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

(a) jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-approċċ ġenerali, kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota; u

(b) jirrakkomanda li l-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali dwar dan it-test, li ser jikkostitwixxi l-mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew.



PUBLIC

**ANNESS**

**ABBOZZAR MILL-ĠDID TAL-PRESIDENZA[1]**

Abbozz

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI**

PUBLIC

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 83(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

---

1 It-test addizzjonali fir-rigward tal-abbozz fid-dokument 15916/24 INIT huwa mmarkat b'**<u>tipa grassa u sottolinjat</u>**. It-test addizzjonali propost qabel huwa mmarkat b'**tipa grassa** biss. It-tħassir huwa mmarkat b'[...].

2 ĠU C , , p. .

3 ĠU C , , p. .

Billi:

(1) Il-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni jikkostitwixxu attivitajiet kriminali li jpoġġu l-ħajja tal-bniedem fil-periklu u ma jirrispettawx id-dinjità tal-persuni bl-iskop li jinkisbu profitti għoljin, u hekk jiġu mminati d-drittijiet fundamentali. Dawn l-attivitajiet kriminali jikkontribwixxu għall-migrazzjoni irregolari, filwaqt li jimminaw l-objettivi tal-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni. It-twettiq ta' tali attivitajiet kriminali huwa xprunat minn domanda dejjem tiżdied u mill-profitti għoljin miksuba minn organizzazzjonijiet kriminali. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra dawk ir-reati jibqgħu prijorità għall-Unjoni.

PUBLIC

(2) Id-Direttiva 2002/90/KE[4] u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI[5] (il-"Pakkett tal-Faċilitaturi") jikkostitwixxu l-qafas legali tal-Unjoni biex tiġi miġġielda l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi. Dan jistabbilixxi definizzjoni komuni tar-reati ta' faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati, u jistabbilixxi l-qafas penali għas-sanzjonar ta' tali reati. Sabiex jiġu indirizzati x-xejriet li qed jevolvu, u biex tissaħħaħ aktar l-effettività tal-qafas tal-Unjoni għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra dawn ir-reati, huwa meħtieġ li jiġi aġġornat il-qafas legali eżistenti.

---

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE tat-28 ta' Novembru 2002 li tiddefinixxi l-iffaċilitar ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 17., ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/90/mt).

[5] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2002 dwar it-tisħiħ tal-qafas penali biex ikun impedut it-tħaffif tad-dħul, it-tranżitu u r-residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 1., ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/946/mt).

(3) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Frar 2023 affermaw il-ħtieġa li tissaħħaħ l-azzjoni tal-Unjoni biex jiġu evitati l-migrazzjoni irregolari u t-telf tal-ħajja, b'mod partikolari billi tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, u billi tiġi żgurata kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri u mal-Europol, il-Frontex u l-Eurojust. Il-Pjan ta' Azzjoni mġedded kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali (2021-2025) jistabbilixxi r-rispons ta' politika għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, bħala parti essenzjali mill-approċċ komprensiv għall-migrazzjoni stabbilit fil-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Dan jistipula azzjonijiet f'erba' oqsma ta' prijorità: it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali; is-sanzjonar tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti u l-prevenzjoni tal-isfruttament tal-migranti; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-appoġġ għall-ħidma tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ta' dawk ġudizzjarji; u ż-żieda fil-bażi tal-għarfien.

(4) Il-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati hija fenomenu tranżnazzjonali, u jenħtieġ li l-miżuri adottati fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali jirrikonoxxu d-dimensjoni internazzjonali tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li l-azzjonijiet tal-Unjoni u nazzjonali għalhekk iqisu l-impenji internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, inkluż fir-rigward tal-Protokoll kontra l-Faċilitazzjoni tad-Dħul Klandestin ta' Migranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ Marittimi, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, kif ukoll il-ħidma tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità. **B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ebda ħaġa f'din id-Direttiva ma taffettwa d-drittijiet, l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u tal-individwi li jipprovdu assistenza lil nazzjonali ta' pajjiżi terzi, għal raġunijiet umanitarji jew bil-għan li jissodisfaw il-bżonnijiet umani bażiċi tagħhom, skont id-dritt internazzjonali applikabbli - inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari, fejn applikabbli, il-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-1967, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, u f'konformità mal-obbligi legali. Din l-assistenza tista' tinkludi wkoll pariri jew appoġġ legali, lingwistiku jew soċjali.**

PUBLIC

(5) Filwaqt li jitqiesu l-evoluzzjoni tal-attivitajiet immirati biex jiffaċilitaw id-dħul, it-tranżitu u s-soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll l-obbligi legali tal-Unjoni u tal-Istati Membri skont id-dritt internazzjonali, jenħtieġ li d-definizzjoni tar-reati kriminali tiġi approssimata ulterjorment fl-Istati Membri kollha sabiex tkopri l-imġiba rilevanti b'mod aktar komprensiv.

(6) F'konformità mal-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità tal-liġi kriminali, u sabiex jiġu indirizzati l-attivitajiet kriminali li jpoġġu l-ħajja tal-bniedem fil-periklu u ma jirrispettawx id-dinjità tan-nies għall-iskop li jinkisbu l-profitti, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta definizzjoni preċiża u dettaljata tar-reati kriminali li jiġġieldu dawn l-imġibiet kriminali. Jenħtieġ li l-assistenza għal dħul, tranżitu jew soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni tikkostitwixxi reat kriminali **għall-inqas** meta jkun hemm rabta ma' benefiċċju finanzjarju jew materjali attwali jew imwiegħed. **Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-mod li bih l-Istati Membri jittrattaw fil-liġi nazzjonali tagħhom imġiba ta' faċilitazzjoni li għaliha benefiċċju finanzjarju jew materjali attwali jew imwiegħed ma jkunx element kostitwenti tar-reat.**

[...]

PUBLIC

(6a) **Din id-Direttiva hija strument ta' armonizzazzjoni minima. B'konsegwenza ta' dan, l-Istati Membri huma liberi li jadottaw jew iżommu leġiżlazzjoni li tipprevedi inkriminazzjoni usa' minn dik stipulata f'din id-Direttiva, fl-interess tat-tisħiħ tal-effettività tal-ġlieda kontra l-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-assistenza intenzjonata lil nazzjonal ta' pajjiż terz għad-dħul, it-tranżitu minn, jew is-soġġorn fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru bi ksur tal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew tal-liġijiet tal-Istat Membru kkonċernat dwar id-dħul, it-tranżitu u s-soġġorn ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi tikkostitwixxi reat kriminali mill-inqas fejn il-persuna li twettaq l-imġiba titlob, tirċievi jew taċċetta, direttament jew indirettament, benefiċċju finanzjarju jew materjali, jew wegħda tiegħu, jew twettaq l-imġiba sabiex tikseb tali benefiċċju. Madankollu, peress li din id-Direttiva hija strument ta' armonizzazzjoni minima, l-Istati Membri huma liberi li jikkriminalizzaw tali mġiba meta ma jkun ingħata l-ebda benefiċċju finanzjarju jew benefiċċju materjali ieħor.**

(7) **Jenħtieġ li l-ebda ħaġa f'din id-Direttiva ma tinftiehem bħala li tirrikjedi l-kriminalizzazzjoni, minn naħa, ta' assistenza provduta lill-membri tal-familja qrib u, min-naħa l-oħra, assistenza umanitarja jew l-appoġġ ta' bżonnijiet umani bażiċi provduti lil nazzjonali ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-qafas legali nazzjonali u internazzjonali applikabbli.**

[...]

PUBLIC

(7a) **Mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-liġi nazzjonali relatati mad-dħul mhux awtorizzat fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat,** jenħtieġ li n-nazzjonali ta' pajjiżi terzi ma jsirux kriminalment responsabbli **għall-fatt uniku li** kienu soġġetti għar-reat kriminali **tal-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu minn, jew soġġorn mhux awtorizzati fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru.**

(8) L-impatt tal-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati jestendi lil hinn mill-Istat Membru ta' dħul mhux awtorizzat. Jenħtieġ li r-regoli minimi dwar id-definizzjoni tar-reati kriminali jinkludu l-imġiba li sseħħ fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru, sabiex l-Istati Membri għajr dawk tad-dħul mhux awtorizzat ikunu jistgħu jaġixxu fuq tali reati, dment li l-Istati Membri kkonċernati jistabbilixxu ġuriżdizzjoni fuq dawn ir-reati.

(9) Jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn ir-reat kriminali tal-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni u r-reati kriminali aggravati li joħolqu ħsara akbar lill-individwi u lis-soċjetà. Jenħtieġ li l-livelli ta' penali jkunu jirriflettu t-tħassib soċjali ogħla fir-rigward ta' mġiba aktar serja u ta' ħsara, għalhekk, jenħtieġ li r-reati aggravati jiġu ssanzjonati b'pieni kriminali aktar ħorox.

(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw din id-Direttiva skont u f'konformità sħiħa mal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-1967, mal-obbligi relatati mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' *non-refoulement*, u mad-drittijiet fundamentali.

(11) Jenħtieġ li l-pieni għar-reati kriminali jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Il-miżuri aċċessorji spiss ikunu effettivi u, għalhekk, jenħtieġ li jkunu disponibbli wkoll fil-proċedimenti kriminali.

PUBLIC

[...][6][...]

**(11a)** **Jenħtieġ li t-termini massimi ta' priġunerija previsti f'din id-Direttiva għar-reati kriminali mwettqa minn persuni fiżiċi japplikaw mill-inqas għall-aktar forom serji ta' tali reati. Il-liġi kriminali tal-Istati Membri kollha tinkludi dispożizzjonijiet dwar omiċidju, attakk aggravat, kif ukoll attakk fuq l-infurzar tal-liġi, jew reati oħra fejn l-użu ta' vjolenza serja huwa parti mir-reat, imwettaq intenzjonalment jew b'negliġenza serja. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrikorru għal dawk id-dispożizzjonijiet ġenerali, inkluż dispożizzjonijiet dwar ċirkostanzi aggravanti, meta jittrasponu d-dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva li jirrelataw ma' reati kriminali li jikkawżaw il-mewt ta' persuna, kemm jekk imwettqa intenzjonalment kif ukoll jekk b'negliġenza serja.**

6 [...]

**(11b) Fejn din id-Direttiva tipprevedi li mġiba illegali tikkostitwixxi biss reat kriminali meta titwettaq intenzjonalment u, billi tipperikola serjament il-ħajja ta' nazzjonal ta' pajjiż terz, tikkawża l-mewt ta' dik [...] il-persuna, jenħtieġ li l-kunċett ta' "intenzjoni" jiġi interpretat f'konformità mal-liġi nazzjonali, filwaqt li titqies il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li l-ebda ħaġa f'din id-Direttiva ma tinftiehem li tirrikjedi responsabbiltà stretta għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta mill-attivitajiet kwalifikati bħala reati kriminali f'din id-Direttiva.**

(12) [...]

PUBLIC

(13) Fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi dan, jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi jinżammu kriminalment responsabbli għall-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri, li l-liġi nazzjonali tagħhom ma tipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jiżguraw li s-sistemi ta' sanzjonar amministrattiv tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati, kif stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha. Jenħtieġ li dawn ikunu akkumpanjati minn miżuri aċċessorji. [...] **Jenħtieġ li jitqiesu l-gravità tal-imġiba, kif ukoll iċ-ċirkostanzi individwali, finanzjarji u oħrajn tal-persuni ġuridiċi kkonċernati, biex jiġi żgurat li l-piena imposta tkun effettiva, dissważiva u proporzjonata. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu l-livelli massimi tal-multi jew bħala perċentwal tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika kkonċernata, jew f'ammonti fissi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeċiedu liema minn dawk iż-żewġ opzjonijiet ser jużaw meta jkunu qed jittrasponu din id-Direttiva.**

**(13aa) Madankollu, ladarba din id-Direttiva tikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen, jenħtieġ li titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' dawk l-Istati li għalihom ma japplikawx strumenti oħra tad-dritt kriminali tal-UE, u li, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, ma jiddeterminawx l-ammont ta' multi kriminali jew nonkriminali għal persuni ġuridiċi fi proporzjon mal-gravità tar-reat imwettaq minn persuna fiżika, iżda japplikaw kriterji oħra, inkluż kriterju bbażat fuq in-nuqqas ta' strutturi u salvagwardji organizzazzjonali jew nuqqasijiet oħra fl-organizzazzjoni tal-persuna ġuridika. Jekk ikun imperattiv biex tiġi preservata l-koerenza tas-sistema ta' penali nazzjonali għal persuni ġuridiċi, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu l-ammont massimu ta' multi għal persuni ġuridiċi f'livell kompatibbli mas-sistema nazzjonali tagħhom, dment li, b'riżultat ta' dan, il-livell ta' pieni applikabbli għal persuni ġuridiċi jkun konsistenti ma' dak previst fil-liġi nazzjonali għal reati ta' gravità komparabbli u li l-pieni jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.**

PUBLIC

(13a) **Meta l-Istati Membri, biex jiddeterminaw il-multi li jeħtieġ li jiġu imposti fuq il-persuni ġuridiċi, jagħżlu li jimplimentaw il-kriterju tal-fatturat dinji totali ta' persuna ġuridika, jenħtieġ li jiddeċiedu jekk jikkalkulawx dak il-fatturat abbażi tas-sena kontabilistika ta' qabel dik li fiha jkun twettaq ir-reat kriminali, jew tas-sena kontabilistika ta' qabel dik tad-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa. Jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll li jipprevedu regoli għal każijiet fejn ma jkunx possibbli li jiġi stabbilit l-ammont ta' multa fuq il-bażi tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika fis-sena kontabilistika ta' qabel dik li fiha twettaq ir-reat kriminali, jew fis-sena kontabilistika ta' qabel dik tad-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu kriterji oħra, bħall-fatturat dinji totali f'sena kontabilistika differenti. Meta dawk ir-regoli jinkludu l-istabbiliment ta' ammonti fissi ta' multi, jenħtieġ li ma jkunx meħtieġ li l-livelli massimi ta' dawk l-ammonti jilħqu l-livelli stabbiliti f'din id-Direttiva bħala r-rekwiżit minimu għal-livell massimu ta' multi stabbiliti f'ammonti fissi.**

(13b) **Meta l-Istati Membri jagħżlu livell massimu ta' multi stabbiliti f'ammonti fissi, jenħtieġ li tali livelli jiġu stabbiliti fil-liġi nazzjonali. Jenħtieġ li l-ogħla livelli ta' tali multi japplikaw għall-aktar forom gravi ta' reati kriminali definiti f'din id-Direttiva mwettqa minn persuni ġuridiċi ta' saħħa finanzjarja. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeterminaw il-metodu ta' kalkolu ta' dawk l-ogħla livelli ta' multi, inkluż kundizzjonijiet speċifiċi għalihom. L-Istati Membri huma mistiedna jirrieżaminaw regolarment il-livelli tal-multi stabbiliti f'ammonti fissi b'kont meħud tar-rati tal-inflazzjoni u fluttwazzjonijiet oħra fil-valur monetarju, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri li ma għandhomx l-euro bħala l-munita tagħhom jipprevedu livelli massimi ta' multi fil-munita tagħhom li jikkorrispondu għal-livelli ddeterminati f'din id-Direttiva f'euro fid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha. Dawk l-Istati Membri huma mistiedna jirrieżaminaw regolarment il-livelli ta' multi anki fir-rigward tal-iżvilupp tar-rata tal-kambju.**



PUBLIC

(13c) **L-istabbiliment tal-livell massimu ta' multi huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu penali xierqa f'każijiet individwali. Peress li din id-Direttiva ma tistabbilixxi l-ebda livell minimu ta' multi, jenħtieġ li l-imħallfin jew il-qrati, fi kwalunkwe każ, jimponu penali xierqa filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi individwali, finanzjarji u oħrajn tal-persuna ġuridika kkonċernata u l-gravità tal-imġiba.**

(14) **Jenħtieġ li l-kunċett ta' ċirkostanzi aggravanti jinftiehem jew bħala fatti li jippermettu lill-imħallef jagħti sentenza ogħla għall-istess reat minn dik normalment imġarrba mingħajr dawn il-fatti, jew bħala l-possibbiltà li jinżammu diversi reati b'mod kumulattiv sabiex jiżdied il-livell tas-sanzjoni.** [...] Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux obbligati jipprevedu ċirkostanzi aggravanti speċifiċi meta l-liġi nazzjonali diġà tipprevedi reati kriminali separati jew kapaċità ġenerali li l-qrati nazzjonali jibbilanċjaw iċ-ċirkostanzi aggravanti rilevanti kollha, u dan jista' jwassal għal penali aktar severi.

[...]

**(14a) Sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tista' sseħħ fejn pajjiż terz jew attur mhux statali ostili jinkoraġġixxi jew jiffaċilita l-moviment ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi lejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni jew lejn Stat Membru, fejn tali azzjonijiet ikunu indikattivi tal-intenzjoni ta' pajjiż terz jew ta' attur mhux statali ostili li jiddestabbilizza l-Unjoni jew Stat Membru, u fejn tali azzjonijiet jistgħu jpoġġu f'riskju l-funzjonijiet essenzjali ta' Stat Membru, inkluż iż-żamma tal-ordni pubbliku jew is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali tiegħu.**

**(14b) Jenħtieġ li sitwazzjonijiet li fihom atturi mhux statali jkunu involuti fi kriminalità organizzata, b'mod partikolari l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin, ma jitqisux bħala strumentalizzazzjoni tal-migranti meta ma jkun hemm l-ebda għan li jiddestabbilizzaw l-Unjoni jew Stat Membru.**

**(14c) Jenħtieġ li l-għajnuna umanitarja ma titqiesx bħala strumentalizzazzjoni tal-migranti meta ma jkun hemm l-ebda għan li tiddestabbilizza l-Unjoni jew Stat Membru.**

**(14d) Fir-rigward ta' Ċipru, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004[7] jipprevedi regoli speċjali li japplikaw għal-linja bejn iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv u dawk iż-żoni li fihom ma jeżerċitax kontroll effettiv. Għalkemm dik il-linja ma tikkostitwixxix fruntiera esterna, jenħtieġ li sitwazzjoni li fiha pajjiż terz jew attur mhux statali ostili jinkoraġġixxi jew jiffaċilita l-moviment ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi biex jaqsmu dik il-linja titqies bħala strumentalizzazzjoni, jekk ikunu preżenti l-elementi l-oħra kollha ta' strumentalizzazzjoni.**

---

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 mal-Att tal-Adeżjoni (ĠU L 161, 30.4.2004, p. 128-143).



PUBLIC

[...]

(15) Jenħtieġ li l-approssimazzjoni u l-effettività tal-livelli ta' sanzjonijiet imposti fil-prattika jitrawmu wkoll b'ċirkostanzi mitiganti komuni li jirriflettu l-kontribut ipprovdut minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li wettqu reat kriminali msemmi f'din id-Direttiva permezz ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-investigazzjoni jew l-identifikazzjoni ta' tali reat. **Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li jibqa' fid-diskrezzjoni tal-imħallef jew tal-qorti li jiddetermina jekk għandhiex tonqos is-sentenza, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull kawża individwali.**

PUBLIC

(16) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu b'mod effettiv ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li ma jistabbilixxux perjodi ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-infurzar. **Barra minn hekk, skont din id-Direttiva, l-Istati Membri huma liberi, f'konformità mas-sistemi legali nazzjonali tagħhom, li jistabbilixxu l-perjodi ta' limitazzjoni għall-infurzar ta' penali imposti wara kundanna finali, jew abbażi tal-penali realment imposta, jew, inkella, abbażi tal-penali massima prevista għar-reat. Għaldaqstant, din id-Direttiva tistabbilixxi perjodi ta' limitazzjoni xierqa għal kull waħda minn dawn l-opzjonijiet. Bħala regola ġenerali, il-bidu ta' perjodu ta' preskrizzjoni għandu jkun il-mument meta jkun twettaq ir-reat. Madankollu, peress li din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom li l-perjodu ta' preskrizzjoni jibda aktar tard, pereżempju fil-mument meta jkun ġie skopert ir-reat, dment li tali mument ikun definit b'mod ċar f'konformità mal-liġi nazzjonali. Meta skont din id-Direttiva l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu perjodi ta' preskrizzjoni iqsar, dment li l-perjodu jista' jiġi interrott jew sospiż fil-każ ta' atti speċifiċi, tali atti jistgħu jiġu definiti f'konformità mas-sistema legali ta' kull Stat Membru.**

PUBLIC

(17) Sabiex tiġi miġġielda l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, huwa ta' importanza kbira ħafna li jiġi żgurat is-sekwestru effettiv tar-rikavati tar-reat, kif ukoll tal-mezzi strumentali li jintużaw biex jitwettqu r-reati kriminali, inkluż, pereżempju, dgħajjes, magni u komponenti u vetturi oħrajn tad-dgħajjes. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jsir użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' rikavat u mezzi strumentali minn attività kriminali, bħad-Direttiva **2024/1260/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8].

[8] Id-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi (ĠU L, 2024/1260, 2.5.2024).

(18) Meta jitqiesu n-natura transfruntiera tar-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, il-mobbiltà tal-awturi ta' mġiba illegali u l-possibbiltà ta' investigazzjonijiet transfruntiera, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-istabbiliment ta' ġuriżdizzjoni mill-Istati Membri sabiex tali mġiba tiġi miġġielda b'mod effettiv. Jenħtieġ li t-tranżitu **minn** jew is-soġġorn mhux awtorizzati li jseħħu kompletament jew parzjalment fit-territorju ta' Stat Membru jippermettu lil Stat Membru differenti mill-Istat Membru tal-ewwel dħul mhux awtorizzat li jistabbilixxi ġuriżdizzjoni. Il-gravità u n-natura transfruntiera tar-reati msemmija f'din id-Direttiva jirrikjedu li l-ġuriżdizzjoni tiġi stabbilita [...] **fuq** persuni fiżiċi li huma nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. **Għall-istess raġunijiet, jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu ġuriżdizzjoni fuq reati kriminali mwettqa abbord vapur u inġenji tal-ajru rreġistrati fl-Istat Membru jew li jtajru l-bandiera tiegħu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jestendu l-ġuriżdizzjoni tagħhom għal reati li twettqu barra mit-territorju tagħhom** [...] **minn** nazzjonali ta' pajjiżi terzi li abitwalment jirrisjedu fit-territorju [...] [...] **u minn** persuni ġuridiċi meta dawn ikunu stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat jew fir-rigward ta' kwalunkwe negozju mwettaq kompletament jew parzjalment fit-territorju tiegħu. [...] Jenħtieġ li l-Istati Membri, inkluż dawk li mhumiex dak tal-ewwel dħul mhux awtorizzat, **jitħallew** jistabbilixxu ġuriżdizzjoni b'rabta mar-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva meta **l-imġiba tkun twettqet barra t-territorju tagħhom u** [...] **hija mmirata** [...] **lejn** [...]id-dħul **jew**[...] it-tranżitu [...] tan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reat fl-Istat Membru kkonċernat.

(19) Meta tingħata assistenza biex nazzjonal ta' pajjiż terz jasal fit-territorju ta' Stat Membru, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu wkoll ikunu jistgħu jistabbilixxu l-ġuriżdizzjoni tagħhom fir-rigward ta' tentattivi, anke jekk in-nazzjonal ta' pajjiż terz ma jidħolx fit-territorju tagħhom. [...]



PUBLIC

(19a) **L-Istati Membri huma mħeġġa jikkriminalizzaw il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti irrispettivament minn fejn twettaq ir-reat u jikkunsidraw li jistabbilixxu ġuriżdizzjoni fuq il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti barra mit-territorji tagħhom, lil hinn mir-regoli minimi stabbiliti f'din id-Direttiva, f'konformità mad-dritt internazzjonali.**

(20) Meta reat kriminali jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru jkun fl-aħjar pożizzjoni biex jipprosegwixxi. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jiddeċiedu, wara kooperazzjoni jew konsultazzjonijiet diretti fil-qafas tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI[9], li jiċċentralizzaw il-proċedimenti kriminali fi Stat Membru uniku permezz tat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, jenħtieġ li għat-tali trasferiment jintuża r-Regolament (UE) **2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trasferiment tal-proċedimenti f'materji kriminali** .../... [*adottat iżda għadu mhux ippubblikat* ][10]. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq il-kriterji rilevanti tal-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li l-prijorità u l-piż ta' tali kriterji jkunu bbażati fuq il-fatti u l-merti ta' kull każ individwali.

(21) Sabiex tiġi miġġielda l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, jenħtieġ li jintużaw kemm il-ġustizzja kriminali kif ukoll il-mekkaniżmi preventivi. Jenħtieġ li l-prevenzjoni tar-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva ttaffi l-ħtieġa għal rispons tal-ġustizzja kriminali u jenħtieġ li jkollha benefiċċji usa' fit-tnaqqis tal-kriminalità. Jenħtieġ li [...] **l-prevenzjoni jkollha** l-għan li żżid l-għarfien tal-pubbliku, u tinkludi **miżuri xierqa bħal** kampanji ta' informazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni, **b'rispett għall-kompetenza u l-liġi nazzjonali.** Jenħtieġ li dawn jitwettqu b'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħrajn, ma' aġenziji rilevanti tal-Unjoni u ma' pajjiżi terzi.

---

9 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dec_framw/2009/948/oj#mt).

10 It-test ġie adottat fil-5 ta' Novembru u ġie ffirmat fis-27 ta' Novembru. Il-pubblikazzjoni – bin-numru tar-Regolament – x'aktarx ser issir f'xi żmien f'Diċembru.

(22) In-nuqqas ta' riżorsi u setgħat ta' infurzar għall-awtoritajiet nazzjonali li jidentifikaw, jinvestigaw, jipprosegwixxu jew jaġġudikaw ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva joħloq ostakli għall-prevenzjoni u l-piena effettivi tagħhom. B'mod partikolari, nuqqas ta' riżorsi jista' jipprevjeni lill-awtoritajiet milli jieħdu azzjoni jew jillimita l-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom, u dan jippermetti lit-trasgressuri jaħarbu mir-responsabbiltà tagħhom jew jingħataw piena li ma tkunx tikkorrespondi għall-gravità tar-reat kriminali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji minimi li jikkonċernaw ir-riżorsi u s-setgħat ta' infurzar.

(23) Il-funzjonament effettiv tal-katina tal-infurzar jiddependi fuq firxa ta' ħiliet speċjalizzati. Il-kumplessità tal-isfidi ppreżentati mill-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u n-natura ta' tali reati kriminali jeħtieġu approċċ multidixxiplinari, livell għoli ta' għarfien legali, għarfien espert tekniku u appoġġ finanzjarju, kif ukoll livell għoli ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu taħriġ xieraq għall-funzjoni ta' dawk li jidentifikaw, jinvestigaw, jipprosegwixxu jew jaġġudikaw reati kriminali marbuta mal-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni.

(24) Sabiex jiġi żgurat infurzar b'suċċess, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli **għall-awtoritajiet kompetenti** għodod investigattivi effettivi għar-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, bħal dawk **disponibbli** [...] fil-liġi nazzjonali tagħhom għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew **reati serji** oħrajn [...]. **Dawn l-għodod jistgħu jinkludu** [...] l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet, is-sorveljanza bil-moħbi inkluż is-sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ tal-kontijiet bankarji u għodod oħrajn ta' investigazzjoni finanzjarja. Jenħtieġ li [...] **dawk** l-għodod **jintużaw** [...] f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u b'rispett sħiħ għall-Karta [...]. F'konformità mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li n-natura u l-gravità tar-reati kriminali li jkunu qed jiġu investigati jiġġustifikaw l-użu ta' dawn l-għodod investigattivi. Jenħtieġ li d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali jiġi rrispettat.

PUBLIC

(25) [...][11][...]

(26) Sabiex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġbru data akkurata [...] dwar l-iskala u x-xejriet tar-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva [...]. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni **bħala minimu** data statistika **eżistenti** rilevanti **disponibbli fil-livell ċentrali** dwar tali reati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tippubblika regolarment ir-riżultati abbażi tad-data trażmessa mill-Istati Membri. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru u jxerrdu wkoll, b'mod regolari, data u informazzjoni statistika **eżistenti** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva biex jippermettu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha. Jenħtieġ li d-data u l-informazzjoni statistika [...] jinġabru abbażi ta' standards minimi komuni.

(27) Billi l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli minimi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-effett u l-iskala tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

11 [...]



PUBLIC

(28) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-rispett u l-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-integrità tal-persuna, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew pieni inumani jew degradanti, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, id-drittijiet tat-tfal, il-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u pieni kriminali, u l-projbizzjoni ta' *ne bis in idem*.

(29) Din id-Direttiva għandha l-għan li temenda u tespandi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/90/KE u tad-Deċiżjoni Qafas 2002/946/ĠAI. Billi l-emendi li għandhom isiru huma ta' natura sostanzjali, jenħtieġ li, fl-interessi taċ-ċarezza, id-Direttiva 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas 2002/946/ĠAI jiġu sostitwiti fl-intier tagħhom b'rabta mal-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva.

(30) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] u l-Ftehim dwar il-Ħruġ UE-Renju Unit[13].

(31) L-Irlanda qed tieħu sehem f'din id-Direttiva, f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mal-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[14].

---

12 Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2004/38/mt).

13 Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika2019/C 384 I/01 (ĠU C 384 I, 12.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2019(3)/oj).

14 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2002/192/mt).

(32) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 [...] tal-Protokoll **Nru 22** dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Minħabba li din id-Direttiva tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, [...] id-Danimarka **għandha**, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Direttiva, jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(33) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Direttiva tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis*[15] ta' Schengen li jaqgħu fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, il-punt **E** [...] tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[16].

PUBLIC

15 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_internation/1999/439(1)/mt.

16 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1999/437/mt).

(34) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Direttiva tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis*[17] ta' Schengen li jaqgħu fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, il-punt **E** [...] tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqrija flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[18].

(35) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Direttiva tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis*[19] ta' Schengen li jaqgħu fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, il-punt **E** [...] tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE[20].

PUBLIC

---

**17** ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

**18** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/350/mt).

**19** ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

**20** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/350/mt).

(36) Fir-rigward ta' Ċipru[...], din id-Direttiva tikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, jew li b'xi mod ieħor huwa relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 [...] [...],

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

PUBLIC

*Artikolu 1*

*Suġġett*

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu **minn** u soġġorn mhux awtorizzati ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi **fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru**, kif ukoll miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-twettiq ta' tali reati kriminali.

PUBLIC

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "nazzjonal ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li ma hijiex ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li ma hijiex persuna li tgawdi d-dritt tal-moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 5, tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

2. "minorenni mhux akkumpanjat" tfisser nazzjonal ta' pajjiż terz taħt l-età ta' 18-il sena li jasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjat minn adult responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat u għaż-żmien sakemm ma jitteħidx effettivament fil-kura ta' tali persuna, inkluż minorenni li jitħalla mhux akkumpanjat wara li jkun daħal fit-territorju tal-Istati Membri;

3. "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità ġuridika li jkollha tali status skont il-liġi nazzjonali applikabbli, ħlief għal Stati jew korpi pubbliċi li jeżerċitaw l-awtorità tal-Istat u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

*Artikolu 3*

*Reati kriminali*

[...] L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza intenzjonata lil nazzjonal ta' pajjiż terz għad-dħul, it-tranżitu minn, jew is-soġġorn fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru bi ksur tal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew tal-liġijiet tal-Istat Membru kkonċernat dwar id-dħul, it-tranżitu u s-soġġorn ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi tikkostitwixxi reat kriminali [...] fejn il-persuna li twettaq l-imġiba titlob, tirċievi jew taċċetta, direttament jew indirettament, benefiċċju finanzjarju jew materjali, jew wegħda tiegħu, jew twettaq l-imġiba sabiex tikseb tali benefiċċju [...]

[...]

[...]

***Artikolu 4***

*Reati kriminali aggravati*

*(tħassar)*

*Artikolu 5*

*Inċitament, għajnuna u assistenza, u tentattiv*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-inċitament, l-għajnuna u t-tħajjir, u **t**-tentattiv [...] li jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3[...] ikunu punibbli bħala reati kriminali.

*Artikolu 6*

*Pieni għal persuni fiżiċi*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3[...] u 5 ikunu punibbli b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati kriminali msemmija fl-Artikolu[...] 3 [...] ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas **tliet** snin.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati kriminali msemmija [...] fl-**Artikolu 3** ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas [...] **tmien** snin **meta:**

   **(a) dak ir-reat twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fis-sens tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI;**

   **(b) dak ir-reat ipperikola serjament il-ħajja ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi li kienu soġġetti għar-reat kriminali**;

   **(c) dak ir-reat twettaq bl-użu ta' vjolenza serja kontra n-nazzjonali ta' pajjiżi terzi li kienu soġġetti għar-reat kriminali;**

   **(d) in-nazzjonal ta' pajjiż terz li kien soġġett għar-reat kriminali kien partikolarment vulnerabbli, inkluż minorenni mhux akkumpanjati.**

   **Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk din id-dispożizzjoni tapplikax ukoll f'sitwazzjonijiet ta' assistenza intenzjonata lil nazzjonal ta' pajjiż terz biex jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru.**

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati kriminali msemmija [...] fl-Artikolu **3[...],** ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas [...]**għaxar** snin **meta dak ir-reat, billi pperikola serjament il-ħajja ta' nazzjonal ta' pajjiż terz li kien soġġett għar-reat kriminali, ikkawża l-mewt ta' dik il-persuna.**

5. Minbarra l-pieni kriminali imposti f'konformità mal-paragrafi 1 sa 4, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni fiżiċi **li jkunu** [...] **wettqu**[...] ir-reati [...] kriminali msemmija fl-Artikoli 3 **[...]** u **5** jistgħu jkunu soġġetti għal sanzjonijiet **aċċessorji** jew miżuri kriminali jew mhux kriminali imposti minn awtorità kompetenti, [...] **li jistgħu jinkludu li ġej**:

**(-a)** multi;

(a) l-irtirar ta' permessi jew awtorizzazzjonijiet biex jitwettqu attivitajiet **li** rriżultaw fir-reat kriminali rilevanti, jew il-projbizzjoni li tiġi pprattikata, direttament jew permezz ta' intermedjarju, l-attività okkupazzjonali li fl-eżerċitar tagħha twettaq ir-reat kriminali;

(b) [...]

(c) il-projbizzjoni tad-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri [...];

(d) l-esklużjoniji mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inkluż proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, għotjiet u konċessjonijiet.

(e) *(trasferita għal -a)*

[...]

PUBLIC

*Artikolu 7*

***Responsabbiltà** tal-persuni ġuridiċi*

PUBLIC

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3[...] u 5 mwettqa għall-benefiċċju ta' dawk il-persuni ġuridiċi minn kwalunkwe persuna li jew taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika kkonċernata, li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, abbażi ta':

   (a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;

   (b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika;

   (c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika tkun tista' tinżamm responsabbli meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu 1 ikun għamilha possibbli li jitwettqu r-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3[...] u 5 għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika skont il-paragrafi 1 u 2 **ta' dan l-Artikolu** ma għandhiex **tipprekludi** [...] l-proċedimenti kriminali kontra persuni fiżiċi **li jwettqu, jinċitaw** jew huma aċċessorji fir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3[...] u 5.

*Artikolu 8*

***Pieni** [...] għal persuni ġuridiċi*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika miżmuna responsabbli skont l-Artikolu 7 **(1) jew (2)** tkun [...] **punibbli b'**[...] **pieni jew miżuri** kriminali **jew mhux kriminali** li jkunu effettivi, proporzjonati u disswassivi.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-**penali** [...] jew il-miżuri għal persuni ġuridiċi li **jinżammu** responsabbli skont l-Artikolu 7**(1) jew (2)** għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3**[...]** u 5 **għandhom jinkludu multi kriminali jew nonkriminali u jistgħu jinkludu penali jew miżuri oħra kriminali jew nonkriminali, bħal** [...]:

   (a) [...]

   (b) esklużjoni minn dritt għal benefiċċji pubbliċi **[...] jew** [...] għajnuna;

   (c) [...] esklużjoni**jiet** mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inkluż proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, għotjiet**,** [...] konċessjonijiet **u liċenzji**;

   (d) skwalifika temporarja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet **kummerċjali**;

   (e) tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;

   (f) stralċ ġudizzjarju;

   (g) [...] għeluq tal-istabbilimenti [...] użati għat-twettiq [...] tar-reat;

PUBLIC

(h) irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet biex jitwettqu attivitajiet **li** [...] rriżultaw [...] fir-reat kriminali **rilevanti**;

[...]

3. **L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, mill-inqas għall-persuni ġuridiċi li jinżammu responsabbli skont l-Artikolu 7(1), ir-reati kriminali koperti mill-Artikoli 3, 6(3) u 6(4) ikunu punibbli b'multi kriminali jew mhux kriminali,** li l-ammont [...] **tagħhom** għandu jkun proporzjonat għall-**gravità** [...] tal-imġiba u għaċ-ċirkostanzi individwali, finanzjarji u oħrajn tal-persuna ġuridika kkonċernata. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-livell massimu ta' tali multi ma jkunx inqas minn:

**(a) għar-reati kriminali koperti mill-**[...]**Artikolu 3[...]**

***(i)*** **3 %** tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika, jew fis-sena kontabilistika ta' qabel **dik** [...] li fiha jkun twettaq ir-reat kriminali, jew inkella fis-sena kontabilistika ta' qabel **dik tad**-[...]deċiżjoni **li tiġi imposta l-multa**, [...] **jew**

**(ii) ammont li jikkorrispondi għal EUR 24 000 000.**

**(b) għar-reati kriminali koperti mill-**[...]**Artikolu**[...] **6(3) u l-Artikolu 6(4):**

**(i) 5 %** tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika, jew fis-sena kontabilistika ta' qabel dik li fiha twettaq ir-reat kriminali, jew fis-sena kontabilistika ta' qabel [...] id-deċiżjoni li **tiġi imposta l-multa**, [...]**, jew**

**(ii) ammont li jikkorrispondi għal EUR 40 000 000;**

**[...]**

4. [...] L-Istati Membri jistgħu **jistabbilixxu** [...] regoli [...] **għal** każijiet fejn ma jkunx possibbli li l-ammont tal-multa jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika fis-sena kontabilistika ta' qabel **dik** [...] li fiha [...] jkun twettaq ir-reat, jew fis-sena kontabilistika ta' qabel **dik tad-**deċiżjoni [...] **li tiġi imposta l-multa**.

**5. Jekk ikun imperattiv biex tiġi preservata l-koerenza tas-sistema ta' penali nazzjonali għal persuni ġuridiċi, l-ammont massimu ta' multi għal persuni ġuridiċi miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 7(1) għar-reati kriminali koperti mill-Artikoli 3, 6(3) u 6(4) jista' jkun differenti minn dak stabbilit fl-Artikolu 8(3), dment li, b'riżultat ta' dan, il-livell ta' pieni jkun konsistenti ma' dak previst fil-liġi nazzjonali għal reati mwettqa minn persuni ġuridiċi ta' gravità komparabbli u li l-pieni jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.**

**Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(2), tali sistemi ta' penali għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà ta'**

**a) impożizzjoni ta' sanzjonijiet monetarji li jqisu lakuni jew defiċjenzi fl-istruttura u l-organizzazzjoni tal-persuna ġuridika li ppermettew li jseħħu reati,**

**b) talbiet għal kumpens u**

**c) konfiska.**

PUBLIC

*Artikolu 9*

*Ċirkostanzi aggravanti*

**Sal-punt li ċ-ċirkostanzi li ġejjin ma jagħmlux parti mill-elementi kostitwenti tar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3**, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li **waħda jew aktar miċ-**ċirkostanzi li ġejjin [...] **jistgħu**, **f'konformità mal-liġi nazzjonali,** jitqiesu bħala ċirkostanz**a**[...] aggravanti [...], fir-rigward tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3[...] u 5:

(a) ir-reat kriminali twettaq minn uffiċjal pubbliku waqt it-twettiq ta' dmirijietu;

(b) [...]

(c) it-trasgressur ikun preċedentement [...] ġie kkundannat **permezz ta' sentenza finali** għal [...] reati tal-istess natura [...] **bħal dawk imsemmija** fl-Artikoli 3 [...] jew 5;

(d) ir-reat kriminali kien jinvolvi jew irriżulta [...] fl-istrumentalizzazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li kien soġġett għar-reat kriminali;

(e) in-nazzjonali ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għar-reat kriminali jitteħdulhom id-dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar tagħhom;

(f) [...]

**(g) ir-reat kriminali twettaq bl-involviment ta' trattament krudili, inuman jew degradanti ta' nazzjonal ta' pajjiż terz li kien soġġett għar-reat kriminali.**

PUBLIC

*Artikolu 10*

*Ċirkostanzi mitiganti*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, fir-rigward tar-reati kriminali **rilevanti** msemmija fl-Artikoli 3 [...] u 5, **waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin jistgħu, f'konformità mal-liġi nazzjonali,** [...] jitqiesu bħala ċirkostanza mitiganti [...]:

(a) **it-trasgressur jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti b'informazzjoni, u hekk jgħinhom** jidentifikaw jew iressqu quddiem il-ġustizzja trasgressuri oħra; [...]

(b) **it-trasgressur jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti b'informazzjoni, u hekk jgħinhom biex** isibu provi.

*Artikolu 11*

*Perjodi ta' preskrizzjoni [...]*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa **biex jiffaċilitaw** [...] l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u [...] **d-deċiżjoni ġudizzjarja** tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 [...] u 5 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara li jkunu twettqu dawk ir-reati kriminali, sabiex dawk ir-reati kriminali jiġu ttrattati b'mod effettiv.

**L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni li jiffaċilita l-infurzar ta' pieni imposti wara kundanna finali għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara dik il-kundanna.**



PUBLIC

[...]

**2. Il-perjodu ta' preskrizzjoni msemmi fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu[...] għandu jkun kif ġej:**

**(a) mill-inqas tliet snin mit-twettiq ta' reat kriminali punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas tliet snin;**

**(b) mill-inqas tmien snin mit-twettiq ta' reat kriminali punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas tmien snin;**

**(c) mill-inqas għaxar snin mit-twettiq ta' reat kriminali punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas għaxar snin.**

PUBLIC

[...]

**3. Il-perjodu ta' preskrizzjoni msemmi fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, għandu jkun kif ġej:**

**(a) mill-inqas tliet snin mid-data tal-aħħar kundanna fil-każijiet li ġejjin:**

**(i) piena ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sena, jew alternattivament**

**(ii) piena ta' priġunerija għal reat kriminali punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas tliet snin; u**

**(b) (i) mill-inqas ħames snin mid-data tal-kundanna finali [...] fil-każ ta' piena ta' priġunerija ta' aktar minn sena, jew inkella**

**(ii) mill-inqas tmien snin mid-data tal-kundanna finali fil-każ ta' piena ta' priġunerija għal reat kriminali punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas tmien snin; [...] u**

PUBLIC

**[...]**

**(c)[...] mill-inqas għaxar snin mid-data tal-aħħar kundanna fil-każijiet li ġejjin:**

**(i) piena ta' priġunerija ta' aktar minn ħames snin, jew inkella**

**(ii) piena ta' priġunerija għal reat kriminali punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas għaxar snin.**

4. B'deroga mill-paragrafi 2 (**b)-(c),** [...] 3 (**b)(ii) u 3 (c)**, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu ta' preskrizzjoni iqsar, **iżda mhux iqsar minn ħames snin,** dment li l-perjodu jkun jista' jiġi interrott jew sospiż fil-każ ta' atti speċifiċi. [...]

*Artikolu 12*

*Ġuriżdizzjoni*

1. Kull Stat Membru għandu **jieħu l-miżuri meħtieġa biex** jistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tiegħu fuq **ir-**reat**i** kriminali msemmija fl-Artikoli 3 [...] u 5 meta [...]:

(a) **ir-reat ikun** [...] twettaq kompletament jew parzjalment fi **ħdan** it-territorju tiegħu;

(b) **it-trasgressur** ikun [...] wieħed min-nazzjonali tiegħu[...]



PUBLIC

[...]

[...]**(c)** **ir-reat ikun**[...] twettaq abbord [...] bastiment jew inġenju tal-ajru rreġistrat fl-**Istat Membru kkonċernat[...]** jew li jtajjar il-bandiera tiegħu;

[...]

**2.** **Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni meta jiddeċiedi li jestendi l-ġuriżdizzjoni tiegħu għal wieħed jew aktar mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 5 li jkunu twettqu barra mit-territorju tiegħu, meta:**

**(a)** **it-trasgressur ikun resident abitwali fit-territorju tiegħu;**

**(b)** **ir-reat jitwettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika**

**(i)** **stabbilita fit-territorju tiegħu;**

**(ii)** **fir-rigward ta' kwalunkwe negozju li jsir kollu kemm hu jew parzjalment [...] fit-territorju tiegħu;**

**(c)** **l-imġiba tkun immirata lejn id-dħul jew it-tranżitu mhux awtorizzati ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi, li kienu soġġetti għar-reat kriminali, fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.**

**3.**[...]

PUBLIC

**4**. [...] **Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1 taħt b), u fil-każ fejn Stat Membru jkun iddeċieda li jestendi l-ġuriżdizzjoni f'konformità mal-paragrafu 2, kull Stat Membru għandu,** [...] **f**il-prosekuzzjoni tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 [...] u 5 imwettqa barra mit-territorju ta' Stat Membru, [...] jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li **l-eżerċizzju tal-**ġuriżdizzjoni tiegħu ma jkunx soġġett għall-[...][...]kundizzjoni li [...] **l-prosekuzzjoni tista' tinbeda biss wara denunzja mill-Istat tal-post fejn twettaq ir-reat kriminali.**

[...]

**5.** [...] Meta reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 [...] u 5 jaqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, **dawk** [...] l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jwettaq **il-**proċedimenti kriminali. Fejn ikun xieraq u f'konformità mal-Artikolu 12 **(2)** tad-Deċiżjoni Qafas 2009/948/ĠAI[21], il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Eurojust.

*Artikolu 13*

*Prevenzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu [...] **miżuri** xierqa [...], bħal kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, **fejn rilevanti b'attenzjoni speċifika għad-dimensjoni online u b'rispett għall-kompetenza u l-liġi nazzjonali,** immirati biex iżidu l-għarfien tal-pubbliku u jnaqqsu t-twettiq tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3[...] u 5.

[21] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċiżżju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42).



PUBLIC

2. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 f'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħrajn, mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, [...] pajjiżi terzi u **organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti u partijiet ikkonċernati oħra bħas-settur privat**.

*Artikolu 14*

*Riżorsi*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali [...] **li** [...] jikxfu[...], jinvestigaw [...], jibdew proċedimenti [...] jew [...] jiddeċiedu dwar[...] ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3[...] u 5 ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti [...] għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 15*

*Taħriġ*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw riżorsi adegwati għal, u li jingħata, taħriġ **regolari u** speċjalizzat [...] għall-membri tal-infurzar tal-liġi, [...] u l-persunal tal-awtoritajiet, inkluż il-persunal tal-qorti, is-servizzi ta' assistenza u appoġġ, gwardji tal-fruntiera inkarigati minn investigazzjonijiet kriminali u proċedimenti tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 [...] u 5.

2. Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja **u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni**, l-Istati Membri għandhom **iħeġġu kemm taħriġ ġenerali kif ukoll speċjalizzat għall-imħallfin u l-prosekuturi** [...] involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali fir-rigward tal-objettivi ta' din id-Direttiva.



PUBLIC

*Artikolu 16*

*Għodod investigattivi*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jkunu disponibbli għodod investigattivi effettivi u proporzjonati għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 [...] u 5. Fejn xieraq, **dawk** [...]l-għodod għandhom jinkludu għodod investigattivi speċjali, bħal dawk [...] użati **fil-ġlieda kontra** [...] l-kriminalità organizzata jew f'każijiet oħrajn ta' kriminalità serja [...].

PUBLIC

*Artikolu 17*

*Ġbir ta' data u statistika*

1. L-Istati Membri għandhom [...] jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ sistema għar-reġistrazzjoni, il-produzzjoni u l-forniment ta' data statistika anonimizzata [...] dwar it-tip ta' reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 [...] u 5 sabiex tiġi monitorjata l-effettività tas-sistemi tagħhom fil-ġlieda kontra r-reati msemmija f'din id-Direttiva.

2. Id-data statistika msemmija fil-paragrafu 1 għandha [...]**, bħala minimu, tinkludi d-data eżistenti disponibbli fil-livell ċentrali dwar:**

   a) L-għadd ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi reġistrati li kienu soġġetti għar-reat kriminali, diżaggregati skont iċ-ċittadinanza, is-sess u l-età (tfal/adulti) f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali;

   b) [...]

c) l-għadd ta' persuni fiżiċi mħarrka għar-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, [...];

d) l-għadd ta' persuni ġuridiċi mħarrka għar-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, [...]

e) l-għadd ta' **deċiżjonijiet ta' prosekuzzjoni** [...] (**deċiżjonijiet** jekk issir jew ma ssirx prosekuzzjoni)[...]

f) l-għadd ta' sentenzi finali tal-qorti [...] (jiġifieri kundanna, ħelsien mill-ħtija, [...]);

g) l-għadd ta' persuni fiżiċi kkundannati għar-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, [...];

h) l-għadd ta' persuni fiżiċi soġġetti għal penali diżaggregati skont it-tip u l-livell ta' penali (priġunerija, multi, oħrajn), is-sess u ċ-ċittadinanza;

i) l-għadd ta' persuni ġuridiċi kkundannati għar-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva [...];

j) l-għadd ta' persuni ġuridiċi ssanzjonati **wara kundanna**, diżaggregati skont [...] it-tip ta' sanzjoni (multi, oħrajn);

k) [...]

PUBLIC

3. L-Istati Membri għandhom [...] **jittrażmettu kull sena lill-Kummissjoni [...] d-data statistika msemmija fil-paragrafu 2 għas-sena preċedenti f'format standard, faċilment aċċessibbli u komparabbli. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jibagħtu din id-data kull sena sat-30 ta' Settembru, u għandhom jibagħtuha sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru.** [...]

*Artikolu 18*

*[...]*

***Referenzi għad-Direttiva 2002/90/KE u għad-Deċiżjoni Qafas 2002/946/ĠAI***

**Referenzi għad-Direttiva 2002/90/KE u għad-Deċiżjoni Qafas 2002/946/ĠAI għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva.**

[...]

PUBLIC

*Artikolu 19*

*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [*[...]* ***sentejn*** *[...]* ***mid-data tad-****dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*] [...]. Huma għandhom **minnufih jgħarrfu** [...] lill-Kummissjoni **b'dan**[...].

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-**miżuri** [...], dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew **għandhom** ikunu akkumpanjati minn [...] tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. **Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-**Istati Membri [...].

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-**miżuri** ewlenin [...] tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

PUBLIC